FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

**MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 9 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz nru:- 1060/99DM

Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc. kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Kevin Bonnici u permezz ta' nota tas-7 t' April 2000 GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentantrici tas-socjeta assikuratici estera CGU Insurance Plc. gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Kevin Bonnici assumiet l-atti minflokk is-socjeta Gasan Insurance Agency Limited

vs

Saviour Agius

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-kumpanija attrici sabiex din il-Qorti:

1 Tiddikajara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-12 ta' Awissu 1998 fiz-Zurrieq waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru GAM 586, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-

risultat li huwa habat mall-vettura numru KEV 017 propjeta ta' assikurat tal-attur, u kkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;

2 Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-amont ta' mitejn u tlieta u hamsin Lira Maltin u erbghin centezimi (Lm253.40) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3 Tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal- ittra Ufficjali tat- 22 ta' Frar 1999 u tal-konsult (Lm12.00), u ta' ittra Ufficjali ohra ippresentata kontestwalment mal-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kollox kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:-

1 It-talba tas-socjeta attrici noe ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontriha stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' Kevin Bonnici assikurat tas-socjeta attrici.

2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-verbal tas-26 ta' April 2001 fejn il-konvenut assistit mid-difensur tieghu iddikjara li m'ghandux kontestazzjoni dwar id-danni izda biss dwar ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kollizzjoni bejn il-vettura misjuqa minn Kevin Bonnici u dik misjuqa minn Saviour Agius il-konvenut kienet tikkonsisti f'habta bejn il-bieba tan-naha tal-lemin tas-sewwieq tal-vettura tal-konvenut u l-pum tal-bieba u d-dintorni tal-bieba tax-xellug tal-vettura misjuqa minn Kevin Bonnici l-assigurat tal-atturi.

Filwaqt illi Kevin Bonnici jallega illi waqt li kien ghaddej minn mal- genb tal-vettura tal-konvenut dan fetah il-bieba u laqatlu l-vettura tieghu, Saviour Agius jallega illi hu kien ilu zmien bil-bieba miftuha waqt li ghadu bil- qieda fuq id-driver seat u kien Kevin Bonnici illi minghajr l-attenzjoni rikjesta habat mal-bieba tieghu.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina dawn iz-zewg verzjonijiet biex tara liema hi l-iktar wahda verosimili fin-nuqqas ta' xhieda ohra okulari.

Mir-ritratti afol 23 tal-process jirrizulta illi l-hsara fil-vettura tal-assigurat tal-atturi kienet limitata biss ghal pum tal-bieba ta' quddiem tan-naha tax-xellug u ma jirrizultawx hsarat ohra fuq il-quddiem tal-vettura. Dana huwa indikattiv ta' zewg possibilitajiet; wahda illi s-sewwieq Kevin Bonnici dar f'daqqa ghal gol bieba miftuha tal-konvenut jew jekk kien miexi parallelament mal-vettura tal-konvenut huwa indikattiv illi l-bieba ma kienetx miftuha meta ghaddiet il-parti ta' quddiem tal-vettura ta' Kevin Bonnici, izda infethet meta kienet ghaddeja dik il-parti tal-bieba tax-xellug tal-istess Kevin Bonnici.

L-isketch jindika illi l-vetturi kienu qieghdin paralleli ghal xulxin meta saret il-habta u anke d-direzzjoni illi ried jmur fiha Kevin Bonnici kienet tindika illi l-vetturi kienu miexjin parallelament ma xulxin u ghalura din il-hsara hija indikazzjoni illi l-bieba ta' Saviour Agius infethet wara li kienet digia ghaddiet parti mill-vettura ta' Kevin Bonnici.

Inoltre, indizju iehor li jsahhah il-verzjoni tal-atturi huwa l-fatt illi l-konvenut jallega illi ghalkemm kien ipparkja fi kliemu "*double parking*" u pparkja hemmhekk evidentement biex johrog, isosstni illi ghalkemm jghid li kien qed jipprepara biex johrog, jallega illi dam madwar hames minuti biex johrog minn fuq is-seat.

Ghaldaqstant il-verzjoni tal-atturi hija ferm iktar vero simili minn dik tal-konvenut u ghalhekk il-Qorti qieghdha taccetta l-verzjoni attrici u tilqa l-ewwel talba attrici u tiddikkjara illi l-kollizzjoni in kwistjoni grat unikament tort tal-konvenut.

Konsegwentement, u billi l-konvenut iddikjara illi mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni reklamati mill-atturi qieghdha tikkundannah lill-istess konvenut sabiex jhallas lill-atturi in linea ta' danni is-somma mitluba ta' Lm253.40 (mitejn tlieta u hamsin lira Maltin u erbghin centezmi) bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Lulju 1999;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

...................................
Mag. Dr. D. Montebello B. A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
civ11

-